

32001D0671

L 235/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

4.9.2001

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tal-21 ta' Awwissu 2001**

**li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE dwar il-klassifika tal-prestazzjoni waqt nar minn barra
fuq is-soqfa u l-koperturi tas-soqfa**

(innotifikata fid-dokument numru K(2001) 2474)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2001/671/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/68/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 ⁽²⁾ (a) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 89/106/KEE jipprovdi illi sabiex jitqiesu l-livelli differenti tal-protezzjoni għax-xogħlijiet għall-bini li jistgħu jeżistu f'livelli nazzjonali, reġjonali jew lokali, kull hteġġa essenzjali tista' toħloq li jiġu stabbiliti klassijiet fid-dokumenti ta' interpretazzjoni. Dawn id-dokumenti ġew ippubblikati bħala "Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward id-dokumenti interpretattivi tad-Direttiva 89/106/KEE" ⁽³⁾.
- (2) Il-paragrafu 2.2 tad-dokument ta' interpretazzjoni Nru 2 jelenka numru ta' miżuri interrelatati li jissodisfaw il-hteġġa essenzjali "Is-Sigurtà f'każ ta' nar" illi flimkien jikkontribwixxu sabiex jiddefinixxu l-istrategġija tas-sigurtà kontra l-ħruq li tista' tiġi żviluppata b'modi differenti fl-Istati Membri.
- (3) Il-paragrafu 4.2.1 tad-dokument ta' interpretazzjoni Nru 2 jiġġustifika l-hteġġa ta' livelli differenti għall-hteġġa essenzjali bħala funzjoni tat-tip, l-użu u l-lokalità tax-xogħol għall-bini, it-tqassim tiegħu u d-disponibbiltà tal-faċilitajiet ta' emerġenza.
- (4) Il-paragrafu 4.3.1.2.2 tad-dokument ta' interpretazzjoni Nru 2 jidentifika l-ħtiġiet tal-prodotti għall-bini rigward is-soqfa esposti għan-nar minn barra.
- (5) Il-livelli differenti ta' dawn il-ħtiġiet li jeżistu fl-Istati Membri jistgħu jiġu espressi f'sistema ta' klassijiet li mhumiex inklużi fid-dokument ta' interpretazzjoni Nru 2.
- (6) L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 89/106/KEE jipprovdi illi

l-Istati Membri jistgħu jstabbilixxu l-livelli ta' l-prestazzjoni li jridu jitħarsu fit-territorju tagħhom biss ġewwa l-klassifiċi adottati fil-livell Komunitarju u bla ħsara biss għall-użu tal-klassijiet kollha jew ta' wħud minnhom jew ta' klassi waħda.

- (7) Fin-nuqqas ta' metodu waħdieni tat-testijiet, armonizzat għal kollox, il-klassifika wżata f'din id-Deċiżjoni għandha tkun imsejsa fuq *standard* wieħed li jħaddan tliet metodi distinti ta' testijiet li jwieġbu għax-xenarji differenti tar-riskji tan-nar. Din hija meqjusa li hija soluzzjoni *interim* sakemm tkun tista' tinkiseb l-armonizzazzjoni sħiħa permezz ta' l-iżvilupp ta' metodu tat-testijiet armonizzat għal kollox. Ġaladarba jinkiseb dan ta' l-aħħar, din id-Deċiżjoni tista' tiġi emendata sabiex tqis il-metodu l-ġdid tat-testijiet u l-klassifiċi assoċjati miegħu.
- (8) Il-miżuri maħsuba f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Hija hawnhekk stabbilita sistema ta' klassifika Komunitarja kif previst bid-Direttiva 89/106/KEE rigward il-prestazzjoni tas-soqfa u l-koperturi ta' soqfa kontra n-nar minn barra.

Din is-sistema ta' klassifika għandha tkun kif iddikjarata fl-Anness ma' hawn.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Awwissu 2001.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 40, ta' l-11.02.89, p. 12.

⁽²⁾ ĠU L 220, tat-30.08.93, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 62, tat-28.02.94, p. 1.

ANNEX

PREAMBOLU

Għandhom jiġu applikati r-rapport *CEN CR 1187:2001* u l-verżjonijiet aġġornati sussegwentement. Il-verżjoni aġġornata għandha tinkludi, fost ħwejjeġ oħra, ir-reviżjonijiet il-ġodda tar-rapport tas-CEN, ta' l-ENV jew il-verżjoni EN ta' dan l-istandard, billi tibni fuq ir-riżultati/qbil magħmula fil-laqha speċjali tas-CEN TC 127 fis-16 ta' Mejju 2001.

Il-klassifika ddikjarata fit-tabella hawn taħt hija msejsa fuq l-istandard li jinsab fis-CR 1187:2001. Dan l-istandard iħaddan tliet metodi distinti ta' testijiet li jikkorrispondu max-xenarji differenti ta' riskji tan-nar. Ma hemm l-ebda korrelazzjoni diretta bejn il-metodi tat-testijiet u għalhekk ma hemm l-ebda ġerarkija aċċettabbli b'mod ġenerali ta' klassifika bejniethom.

Meta jirregolaw dwar il-prestazzjoni tas-soqfa/il-koperturi tas-soqfa kontra n-nar minn barra, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-kombinazzjoni/jiet tat-test/klasi addattata/i għar-riskju/i attwali tan-nar fit-territorju tagħhom u jistabbilixxu ġerarkija nazzjonali ta' klassifika bejn it-testijiet/klassijiet varji.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/553/KE ⁽¹⁾ tistabilixxi lista ta' prodotti għall-koperturi (u/jew materjali) tas-soqfa li jistgħu jitqiesu li jwettqu l-ħtiġiet kollha tal-karatteristiċi tal-prestazzjoni dwar "il-prestazzjoni waqt nar minn barra" mingħajr il-ħtieġa ta' testijiet, bla ħsara għal kull disposizzjoni nazzjonali dwar id-disinn u l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet li jkunu qegħdin isiru. Dawn il-prodotti/materjali huma meqjusa li jkunu tal-Klassijiet B_{ROOF} fit-tabella ta' hawn taħt, mingħajr il-ħtieġa ta' testijiet.

SIMBOLI

Il-klassifiċi skond it-tliet metodi ta' testijiet jiġu identifikati kif ġej:

- it-test 1 tal-CR 1187:2001: $X_{ROOF}(t1)$, fejn it-t1 = il-marka tal-ħruq biss,
- it-test 2 tal-CR 1187:2001: $X_{ROOF}(t2)$, fejn it-t2 = il-marka tal-ħruq + ir-riħ,
- it-test 3 tal-CR 1187:2001: $X_{ROOF}(t3)$, fejn it-t3 = il-marka tal-ħruq + ir-riħ + ir-radżazzjoni.

It-T_E: il-ħin kritiku tal-firxa tan-nar minn barra

it-T_p: il-ħin kritiku tal-penetrazzjoni tan-nar

Tabella

IL-KLASSIJET TA' L-PRESTAZZJONI TAS-SOQFA/KOPERTURI TAS-SOQFA GĦAN-NAR MINN BARRA (*)

Il-Metodu tat-test	Il-Klassi	Il-Kriterji tal-klassifika
It-Test 1 tas-CR 1187:2001	B _{ROOF} (t1)	Għandhom jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> — firxa l' fuq tan-nar minn barra u minn ġewwa < 0,700 m — il-firxa l' isfel tan-nar minn barra u minn ġewwa < 0,600 m — tul massimu ta' ħruq minn barra u minn ġewwa < 0,800 m — l-ebda materjal jaqbad (qtar jew tifrik) ma jaqa' minn naħa esposta, — l-ebda partikoli jaqbd/jaqbdu mingħajr fjamma ma jippenetraw il-konstruzzjoni tas-saqaf, — ebda fetha wahda > $2,5 \times 10^{-5} \text{ m}^2$, — is-somma tal-fetħiet kollha < $4,5 \times 10^{-3} \text{ m}^2$, — il-firxa laterali tan-nar ma tilħaqx it-truf taż-żona tal-kejl, — l-ebda kombustjoni minn-ġewwa mingħajr fjamma, — ir-raġġ massimu tal-firxa tan-nar fuq is-soqfa "orizzontali", is-soqfa, fuq barra jew fuq ġewwa < 0,200 m.
	F _{ROOF} (t1)	L-ebda prestazzjoni stabbilit

(¹) ĠU L 235, tad-19.9.2000, p. 19.

Il-Metodu tat-test	Il-Klassi	Il-Kriterji tal-klassifika
It-Test 2 tas-CR 1187:2001	B _{ROOF} (t2)	Għaż-żewġ serje tat-testijiet f'qawwa tar-riħ ta' 2 m/s u 4 m/s: — it-tul medju danneġġjat tas-saqaf u tal-baħi tiegħu ≤ 0,550 m, — it-tul-massimu danneġġjat tas-soqfa u tal-baħi tagħhom ≤ 0,800 m,
	F _{ROOF} (t2)	L-ebda prestazzjoni stabbilita
It-Test 3 tas-CR 1187:2001	B _{ROOF} (t3)	It-T _E ≥ 30 min u t-T _p ≥ 30 min
	C _{ROOF} (t3)	It-T _E ≥ 10 min u t-T _p ≥ 15 min
	D _{ROOF} (t3)	T _p > 5 min
	F _{ROOF} (t3)	L-ebda prestazzjoni stabbilit

(*) In-numru tal-klassijiet għadu qiegħed jiġi kkunsidrat u għandu jiġi emendat malli t-tagħrif meħtieġ ikun disponibbli.